


Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta’ rieda tajba sabiex fil-Lvant tal-Qrib jitnissel u jikber spirtu ta’ djalogu, laqgħat u rikonċiljazzjoni, meta diversi komunitajiet reliġjużi jaqsmu ħajjithom flimkien.

**Qari:** *Minn diskors tal-Papa f’Bari fl-Lulju 2018*

Il-qagħda mwiegħra tal-Insara u ta’ dawk kollha li qed ibatu fil-Lvant Nofsani titlob mhux biss it-talb kostanti tagħna, imma anki tweġiba xierqa min-naħa tal-komunità internazzjonali.

L-isfidi kbar li d-dinja għandha quddiemha f’din is-sitwazzjoni jitolbu s-solidarjetà tal-bnedmin kollha ta’ rieda tajba. Għalhekk, nagħrfu l-importanza wkoll tal-promozzjoni ta’ djalogu kostruttiv mal-Islam, imsejjes fuq ir-rispett u l-ħbiberija reċiproka. Imnebbħa minn valuri komuni u mqawwija minn sentiment fratern ġenwin, Musulmani u Nsara huma msejħa jaħdmu flimkien għall-imħabba tal-ġustizzja, tal-paċi u tar-rispett tad-dinjità u tad-drittijiet ta’ kull persuna, speċjalment fir-reġjuni fejn huma, darba, għexu għal sekli sħaħ f’koeżistenza paċifika u issa qed ibatu flimkien traġikament minħabba fl-orruri tal-gwerra. Barra minn hekk, bħala mexxejja Nsara, insejħu lill-mexxejja reliġjużi kollha biex ikomplu mexjin u jsaħħu t-triq tad-djalogu interreliġjuż u jagħmlu kull sforz biex jibnu kultura ta’ paċi u ta’ solidarjetà bejn il-persuni u bejn il-popli.

Mulej, Inti l-ħallieq ta’ kollox u ta’ kulħadd.
Nirringrazzjak b’qalbi kollha
tal-imħabba li turi magħna l-bnedmin.
Inti ħlaqtna bħala familja waħda u għalhekk ridt li ngħixu bħal aħwa,
magħqudin fl-imħabba u r-rispett lejn xulxin.
Mulej, aħna lkoll prezzjużi f’għajnejk
u m’għandek preferenzi ma’ ħadd u ma tħalli lil ħadd barra.
Iżda ħafna bnedmin ma jaħsbuhiex bħalek, Mulej.
Ikasbru d-drittijiet tal-oħrajn, joħolqu inġustizzji u vjolenza;
u l-agħar, Mulej, hu li dan jagħmluh f’isem ir-reliġjon.
Mulej, nitolbuk, flimkien mal-Papa, sabiex tagħtina l-grazzja
li nikkundannaw bla riservi kull xorta ta’ vjolenza,

għax hi profanazzjoni gravi tiegħek u tal-isem imqaddes tiegħek
u għax l-isem tiegħek ikun qed jiġi użat biex jiġġustifika
l-mibegħda u l-vjolenza kontra l-aħwa.
Għinna nifhmu li ma teżisti ebda vjolenza
li tista' tkun reliġjożament iġġustifikata;
u li l-vera reliġjożità tikkonsisti f'li nħobbu
lil Alla b'qalbna kollha u lill-proxxmu bħalna nfusna.
Għinna Mulej ħalli t-twemmin tagħna jkun mibni fis-sod
biex b'hekk inkunu kapaċi nħaddnu lill-bnedmin kollha flimkien
mingħajr privileġġi u diskriminazzjonijiet.
Agħtina l-għajnuna ħalli nkunu bnedmim ta' fidi u għatxana għall-paċi,
biex b'hekk inkunu strumenti tal-paċi
u biex naħdmu b'rieda vera ta' smigħ u djalogu.
Agħtina l-grazzja biex kulħadd jaħdem u jitlob għall-paċi kulllimkien,
speċjalment fil-Lvant Qarib, u fil-pajjiżi
fejn hemm il-ġlied, il-persekuzzjoni u l-inġustizzja
sabiex il-bnedmin kollha jitgħallmu jgħixu bħala familja waħda.
Nitolbuk sabiex tagħti l-għajnuna lin-nies ta' rieda tajba
u ta' twemmin differenti, sabiex ma jibżgħux jitkellmu ma' xulxin,
jilqgħu r-raġunijiet tal-oħrajn u jieħdu ħsieb ta' xulxin.
B'hekk ilkoll naraw u naħdmu biex
ħadd ma jonqsu l-ħobż u x-xogħol, id-dinjità u t-tama,
u fuq kollox ngħixu fis-sliem, mingħajr ġlied, vjolenza u inġustizzji.

**KANT**

**Qari:** *Minn diskors tal-Papa Franġisku f'Abu Dhabi waqt laqgħa interreliġjuża fl-4 ta' Frar 2019*

It-talb ma nistgħux ngħaddu mingħajru: waqt li jinkarna l-kuraġġ li nagħrfu l-persuna l-oħra fid-dawl ta' Alla, fis-sinċerità tal-intenzjoni, isaffi l-qalb milli tingħalaq fiha nfisha. It-talb li jsir mill-qalb jerġa' jibni l-fraternità. Għalhekk, "dwar il-futur tad-djalogu bejn ir-reliġjonijiet, l-ewwel ħaġa li għandna nagħmlu hi nitolbu. U nitolbu għal xulxin: aħna aħwa! Mingħajr il-Mulej xejn mhu possibbli; bih magħna, kollox isir possibbli! Jalla t-talba tagħna – kull wieħed u waħda skont it-tradizzjoni tiegħu jew tagħha – tista' titwaħħad b'mod sħiħ mar-rieda ta' Alla, li jixtieq li l-bnedmin kollha jagħrfu li

huma aħwa ta' xulxin u jgħixu hekk tabilħaqq, billi jsawru l-familja kbira tal-bnedmin fl-armonija tad-diversità".

M'hemmx alternattiva: jew se nibnu flimkien il-ġejjieni jew ma jkunx hemm ġejjieni. Ir-reliġjonijiet, b'mod partikulari, ma jistgħux jerġgħu lura mid-dmir urġenti tagħhom li jibnu pontijiet bejn il-popli u l-kulturi. Wasal iż-żmien fejn ir-reliġjonijiet iħabirku iżjed, b'kuraġġ u bla biża', bla qerq, biex jgħinu lill-familja umana tikber fil-ħila tar-rikonċiljazzjoni, fil-viżjoni tat-tama u fil-mixjiet konkreti ta' paċi.

Mulej, ħafna aħna drabi nwarrbuk min-nofs
għax naħsbu li nistgħu ngħixu għal rasna
u ninsew li aħna niddependu fuqek għal kollox
u li mingħajrek aħna m'aħna xejn.
Ninsew li għandna bżonn nitolbu,
għandna bżonn il-qawwa li inti tagħtina
ħalli jkollna l-kuraġġ li ninfetħu għall-oħrajn
u biex ma ningħalqux fina nfusna,
u naħsbu biss fil-bżonnijiet tagħna u tal-familja tagħna u ta' pajjiżna.
Mulej, għandna bżonn nibdew nitolbu għal xulxin bis-serjetà,
għandna bżonn nitgħallmu ngħixu bħall-aħwa.
Għinna nifhmu Mulej li, kif qal il-Papa Franġisku,
"*Ġustizzja indirizzata biss lejn tal-familja, dawk tal-istess pajjiż,*
*dawk li jħaddnu l-istess twemmin,*
*hi ġustizzja zoppa, hi inġustizzja b'maskra fuq wiċċha!*"
Agħmel Mulej li  r-reliġjonijiet u l-mexxejja tagħhom
ikunu leħen għad-dgħajfa, u li jkunu dejjem fuq in-naħa tal-foqra.
Jalla Mulej huma dejjem ikunu lesti biex iwissuna
biex ma nagħlqux għajnejna quddiem l-inġustizzji
u biex ma nirrassenjaw ruħna qatt għall-ħafna traġedji tad-dinja.
Għinna ħalli lkoll nippromwovu l-edukazzjoni
għall-paċi u għall-għarfien reċiproku,
sabiex jieqfu l-inġustizzja, il-vjolenza, il-ġlied u l-gwerer,
kif ukoll kull forma ta' ħażen li jxerred il-mibegħda
u l-firda fost il-bnedmin, huma fejn huma.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbu skont il-fehma tal-Papa, sabiex fil-Lvant tal-Qrib, jitnissel u jikber spirtu ta' djalogu, laqgħat u rikonċljazzjoni, meta diversi komunitajiet reliġjużi jaqsmu ħajjithom flimkien.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex nifth̄u moħħna biex nifhmu li, minkejja li jista' jkollna reliġjon differenti, lingwa differenti jew kulur tal-ġilda differenti, aħna lkoll parti mill-familja umana.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, ningħaqdu ma' Papa Franġisku u nitolbu sabiex, permezz ta' laqgħat u djalogu, ikun hemm spirtu ta' rikonċiljazzjoni u b'hekk inneħħu xi preġudizzju li jista' jkollna kontra min iħaddan reliġjon differenti.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej

Mulej, agħtina l-kuraġġ biex meta niltaqgħu ma' xi ħadd li jħaddan reliġjon differenti, ma nfittxux dak li jifridna imma dak li jgħaqqadna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej ħalli tgħinna nifhmu li, meta nagħrfu li kull bniedem għandu l-istess jeddijiet, inkunu qed nigglorifikaw l-Isem tiegħek fuq din l-art.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu wkoll sabiex ikollna l-kuraġġ li nilqgħu d-differenzi tal-oħrajn u b'mod sħiħ nagħrfu d-dinjità tal-persuna l-oħra u l-libertà tagħha, ħalli mbagħad inħabirku biex id-drittijiet fundamentali tagħha jiġu dejjem imħarsa, kullimkien u minn kulħadd.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej